DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' April 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2005/1/KE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fir-Repubblika Ċeka fir-rigward il-formuli tal-metodi awtorizzati u tal-preżentazzjoni ta' tali karkassi

(notifikata bid-dokument C(2013) 2037)

(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)

(2013/187/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika) [1], u partikolarment l-Artikolu 43(m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/1/KE [2], ġie awtorizzat l-użu ta' sitt metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fir-Repubblika Ċeka.

(2) Minħabba bidliet fil-popolazzjoni tal-ħnieżer fir-Repubblika Ċeka, kontenut ogħla ta' laħam dgħif jistgħu jkunu mistennija għall-popolazzjoni preżenti ta' ħnieżer għall-qatla. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu aġġornati l-formuli tal-metodi awtorizzati.

(3) Ir-Repubblika Ċeka talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza is-sostituzzjoni għall-formuli wżati għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tagħha u ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni li tindika l-prinċipji li fuqhom huma bbażati dawk il-formuli, tar-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni u l-ekwazzjonijiet użati biex issir stima tal-perċentwal ta' laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom [3].

(4) Eżami ta' dik it-talba żvela li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawk il-formuli ġodda huma ssodisfati. Dawk il-formuli għandhom għalhekk jiġu awtorizzati fir-Repubblika Ċeka.

(5) Ir-Repubblika Ċeka talbet lill-Kummissjoni biex hi jkollha l-awtorizzazzjoni li tistipula preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal differenti mill-preżentazzjoni standard definita fl-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(6) Skont it-tieni paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati jistipulaw preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal differenti mill-preżentazzjoni standard definita fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, meta l-prattika kummerċjali normali fit-territorju tagħhom tkun differenti mill-preżentazzjoni standard. Fit-talba tagħha, ir-Repubblika Ċeka speċifikat li fit-territorju tagħha hija l-prattika kummerċjali li l-karkassi jistgħu jiġu ppreżentati mingħajr il-widnejn u bis-sonza. Dawn il-preżentazzjonijiet li huma differenti mill-preżentazzjoni standard għandhom għalhekk jiġu awtorizzata fir-Repubblika Ċeka.

(7) Sabiex ikunu stabbiliti l-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjal fuq bażi komparabbli, din il-preżentazzjoni differenti għandha titqies billi f'dawn il-każijiet il-piż irreġistrat jiġi aġġustat f'relazzjoni għall-piż tal-preżentazzjoni standard.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2005/1/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(9) Il-modifiki tal-apparat jew il-metodi ta' klassifikazzjoni m'għandhomx jiġu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

(10) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi tekniċi, filwaqt li jiġu introdotti formuli u ekwazzjonijiet ġodda, il-formuli tal-metodi awtorizzati għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal awtorizzati skont din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2013.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/1/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, it-tielet paragrafu huwa mibdul bit-test li ġej:

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 1, 4.1.2005, p. 8.
[3] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3.

"Fir-rigward l-apparat 'Ultra FOM 300' u 'Ultra-sound IS-D-05' huwa stabbilit li wara t-tmiem tal-proċedura tal-kejl, għandu jkun possibbli li tiġi vverifikata fuq il-karkassa li l-apparat kejjel l-valuri tal-kejl P_2 fuq is-sit stipulati fl-Anness, Parti 4, punt 3 u Parti 5, punt 3. L-immarkar korrispondenti tal-post tal-kejl irid isir fl-istess waqt tal-proċedura tal-kejl."

(2) L-Artikolu 1a jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1a*

Minkejja l-preżentazzjoni standard stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fir-Repubblika Ċeka l-karkassi tal-majjal jistgħu jiġu ppreżentati:

(a) mingħajr widnejn, widnejn li jkunu mneħħija qabel il-karkassa hija miżuna u kklassifikata. Fil-każ ta' preżentazzjoni bħal din il-piż tal-karkassa sħuna [hot carcass weight] rreġistrat għandu jkun aġġustat skont il-formola li ġejja:

Il-piż tal-karkassa sħuna = il-piż tal-karkassa sħuna mingħajr widnejn + 0,274 kg, u

(b) bis-sonza, qabel ma jintiżnu u jiġu kklassifikati. Fil-każ ta' preżentazzjoni bħal din il-piż tal-karkassa sħuna rreġistrat għandu jkun aġġustat skont il-formola li ġejja:

piż tal-karkassa sħuna = 1,65651 + 0,96139 × piż tal-karkassa sħuna bis-sonża.

(c) bis-sonza, u mingħajr widnejn, widnejn li jkunu mneħħija qabel il-karkassa tintiżen u tiġi kklassifikata. Fil-każ ta' preżentazzjoni bħal din il-piż tal-karkassa sħuna rreġistrat għandu jkun aġġustat skont il-formola li ġejja:

Il-piż tal-karkassa sħuna = 1,65651 + 0,96139 × (piż tal-karkassa sħuna bis-sonza u mingħajr widnejn + 0,274 kg)."

(3) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni awtorizzati m'għandhomx ikunu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni".

(4) L-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOȘ

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/1/KE hu emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1 (Zwei-Punkte-Messverfahren (ZP)), il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 59{,}08991 - 0{,}43868 \times S + 0{,}09792 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-kejl tax-xaħam, imkejla permezz ta' slide rule — il-ħxuna minima tax-xaħam viżibbli (bil-ġilda ta' barra) li tkopri l-M. glutaeus medius fuq il-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma (mm),

M — il-kejl tal-laħam, imkejjel fuq l-inqas distanza bejn it-tarf ta' quddiem (il-kranju) tal-M. gluteus medius u t-tarf ta' fuq (id-dorsali) tal-kanal vertebrali (mm)

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."

(2) Fil-Parti 2 (il- "Fat-O-Meater (FOM)"), il-punt 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 70{,}28164 - 0{,}75376 \times S + 0{,}00270 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 6,5 ċentimetri 'l boghod mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tieni u t-tielet kustilja tal-aħħar,

M — il-ħxuna tal-muskolu, f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal S.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."

(3) Fil-Parti 3 (Hennessy Grading Probe (HGP 4)"), il-punt 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 69{,}11354 - 0{,}67804 \times S + 0{,}00432 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 7 ċentimetri 'l boghod mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tielet u r-raba' kustilja tal-aħħar,

M — il-ħxuna tal-muskolu, f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal S.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."

(4) Fil-parti 4 (Ultra-FOM 300), il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 66{,}78382 - 0{,}80922 \times S + 0{,}04746 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 7 ċentimetri 'l boghod mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tieni u t-tielet kustilja tal-aħħar (miżura magħrufa bħala "P_2"),

M — il-ħxuna tal-muskolu, f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal S.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."

(5) Fil-Parti 5 (ultra-sound IS-D-05), il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 66{,}01987 - 0{,}69560 \times S + 0{,}01947 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 7 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tieni u t-tielet kustilja tal-aħħar (miżura magħrufa bħala "P_2"),

M — il-ħxuna tal-muskolu, f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal S.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."

(6) Fil-Parti 6 (Needle-IS-D-15), il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 66{,}37105 - 0{,}80124 \times S + 0{,}05507 \times M$$

fejn:

$\hat{Y}$ — il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

S — il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 7,5 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tieni u t-tielet kustilja tal-aħħar,

M — il-ħxuna tal-muskolu, f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u post bħal S.

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma."